REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 555/2010

tal-24 ta' Ġunju 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1412/2006 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Libanu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/625/PESK tal-15 ta' Settembru 2006 dwar projbizzjoni fuq il-bejgħ jew il-forniment ta' armi u materjal relatat u dwar il-forniment ta' servizzi relatati lil entitajiet jew individwi fil-Libanu f'konformità mar-Riżoluzzjoni 1701 (2006) tan-NU [1],

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1412/2006 tal-25 ta' Settembru 2006 dwar ċerti miżuri ristrettivi fir-rigward tal-Libanu [2] jipprojbixxi l-forniment ta' ċerta assistenza teknika, il-finanzjament u l-assistenza finanzjarja lil kwalunkwe persuna fil-Libanu jew għall-użu fil-Libanu, f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni 2006/625/PESK.

(2) Jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1412/2006 jiġi allinjat mal-iżviluppi riċenti fil-prattika tas-sanzjonijiet, minn naħa waħda fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u min-naħa l-oħra fir-rigward tal-Artikolu dwar il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni. Għall-finijiet taċ-ċarezza, l-Artikoli li jeħtieġ li jiġu emendati għandhom jiġu sostitwiti kompletament.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1412/2006 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1412/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikati fil-websites elenkati fl-Anness, jistgħu jawtorizzaw, wara li tkun saret notifika bil-miktub minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat lill-Gvern tal-Libanu u l-UNIFIL, u b'dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu li jkunu adatti:

(a) il-forniment lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Libanu bl-eċċezzjoni tal-forzi armati tar-Repubblika Libaniża jew l-UNIFIL, ta' assistenza teknika, finanzjament u assistenza finanzjarja relatati mal-armi jew ma' materjal relatat li qegħdin jiġu użati jew li huma għall-użu fil-Libanu, sakemm:

(i) is-servizzi ma jiġux provduti, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe milizja li għaliha ntalab iddiżarm mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-Riżoluzzjonijiet tiegħu 1559 (2004) u 1680 (2006),

(ii) l-awtorizzazzjonijiet jingħataw fuq bażi ta' każ b'każ, u

(iii) il-Gvern tal-Libanu jew l-UNIFIL ikunu awtorizzaw f'kull każ il-forniment lill-persuna, lill-entità jew lill-korp ikkonċernat tas-servizzi kkonċernati. Jekk il-Gvern tal-Libanu jew l-UNIFIL jawtorizzaw il-forniment speċifiku jew it-trasferiment ta' persuna, entità jew korp ta' armi speċifiċi jew materjal relatat, dik l-awtorizzazzjoni tista' titqies li qed tawtorizza l-forniment lil dik il-persuna, l-entità jew il-korp ta' assistenza teknika relatata mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu tal-oġġetti kkonċernati;

(b) il-forniment lill-forzi armati tar-Repubblika Libaniża ta' assistenza teknika relatata ma' attivitajiet militari u ma' armi jew materjal relatat, u ta' finanzjament u assistenza finanzjarja relatati mal-attivitajiet militari, sakemm il-Gvern tal-Libanu ma jqajjem l-ebda oġġezzjoni fi żmien erbatax-il (14) jum wara li jirċievi n-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fil-websites elenkati f'dan l-Anness, jistgħu jawtorizzaw, b'dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu li jkunu adatti:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika relatata mal-attivitajiet militari u ma' armi jew materjal relatat, sakemm:

(i) l-oġġetti li għalihom tirrelata l-assistenza jkunu qegħdin jintużaw jew ikunu ser jiġu użati mill-UNIFIL fit-twettiq tal-missjoni tagħha, u

(ii) is-servizzi jkunu pprovduti lill-forzi armati li huma jew li ser ikunu parti mill-UNIFIL;

[1] ĠU L 253, 16.9.2006, p. 36. (MT: ĠU L 76M, 16.3.2007, p. 331).
[2] ĠU L 267, 27.9.2006, p. 2. (MT: ĠU L 352M, 31.12.2008, p. 470).

(b) il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-attivitajiet militari u ma' armi jew materjal relatat, sakemm:

(i) il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja huma pprovduti lill-UNIFIL, lill-forzi armati ta' Stat li jipprovdi truppi lill-UNIFIL, jew lil awtorità pubblika li tkun inkarigata mill-akkwist pubbliku għall-forzi armati ta' dan l-Istat, u

(ii) l-armi jew il-materjal relatat jiġu akkwistati għall-fini tal-użu mill-UNIFIL jew mill-forzi armati tal-Istat konċernat assenjat lill-UNIFIL.

3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fil-websites elenkati fl-Anness, jistgħu biss jagħtu l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 qabel l-attività li għaliha jkunu ntalbu.

4. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1 u 2.";

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"*Artikolu 6a*

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 3 u jidentifikawhom fil-websites elenkati fl-Anness. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fl-indirizzi tal-websites tagħhom elenkati fl-Anness qabel ma din il-bidla tieħu effett.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, sal-15 ta' Lulju 2010 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emenda sussegwenti.";

(3) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(ċ) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew barra minnu li hija ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni.";

(4) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BLANCO LÓPEZ

ANNESS

"ANNESS

Il-websites li jipprovdu informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 3, u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea

IL-BELĠJU

http://www.diplomatie.be/eusanctions

IL-BULGARIJA

http://www.mfa.government.bg

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce

ID-DANIMARKA

http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternationalRetsorden/Sanktioner/

IL-ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519

IL-GREĊJA

http://www.mfa.gr/www.mfa.gr/en-US/Policy/Multilateral+Diplomacy/Global+Issues/International+Sanctions/

SPANJA

http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/SancionesInternacionales/Paginas

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/

L-ITALJA

http://www.esteri.it/UE/deroghe.html

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/sanctions

IL-LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA

http://www.urm.lt/sanctions

IL-LUSSEMBURGU

http://www.mae.lu/sanctions

L-UNGERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/felelos_illetekes_hatosagok.htm

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

http://www.minbuza.nl/nl/Onderwerpen/Internationale_rechtsorde/Internationale_Sancties/Bevoegde_instanties_algemeen

L-AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA

http://www.msz.gov.pl

IL-PORTUGALL

http://www.mne.gov.pt/mne/pt/AutMedidasRestritivas.htm

IR-RUMANIJA

http://www.mae.ro/index.php?unde=doc&id=32311&idlnk=1&cat=3

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

IS-SLOVAKKJA

http://www.foreign.gov.sk

IL-FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

L-ISVEZJA

http://www.ud.se/sanktioner

IR-RENJU UNIT

http://www.fco.gov.uk/en/about-us/what-we-do/services-we-deliver/business-services/export-controls-sanctions/

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

European Commission
DG External Relations
Directorate A. Crisis Platform and Policy Coordination in Common Foreign and Security Policy
Unit A2. Crisis Response and Peace Building
CHAR 12/106
B-1049 Bruxelles/Brussel (Belgium)

E-mail: relex-sanctions@ec.europa.eu
Tel. (32 2) 295 55 85
Fax (32 2) 299 08 73”